# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 55/K8/19**

Data tal-laqgħa: 28 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

Il-Kunsillier Clayton Luke Mula (Inc. /19)
Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Perit Anthony Bezzina – Perit tal-Kunsill

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.
**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

55.1.01 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula u l-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

55.1.02 Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex ġie mistieden il-Perit tal-Kunsill il-Perit Anthony Bezzina li kien assistit mill-Perit Gerald Salerno sabiex jagħti spjegazzjoni dwar il-proġett ta' Pjazza Qalb ta' Ġesu. Il-Perit esebixxa pjanti tal-proġett kif qed jiġi propost. Saret diskussjoni bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilliera preżenti, u tressqet proposta mis-Sindku Guido Dalli sekondat mill-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg li kienet tgħid li:

Il-Kunsill qiegħed jilqa' l-proposta għall-proġett ta' Pjazza Qalb ta' Ġesu' kif proposta mill-Perit tal-Kunsill bil-kundizzjoni li t-traffiku ġewwa Triq San Ġorġ jibqa' miftuħ u ma jkunx hemm restrizzjonijiet.

55.1.03 Il-Kunsillier John Agius ġie kużat fis 5:45.

55.1.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ressaq kontra proposta li kienet tgħid:

Il-parkeġġ provdut fil-proġett Pjazza Qalb ta' Ġesu' kif proposta mill-Perit Bezzina, ser jitnaqqas drastikament il-parkeġġ fl-istess akwati minn dak preżenti kif ġie ppreżentat illum it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019.

55.1.04 Għal din il-kontra proposta ma kienx hemm sekondant u għalhekk waqgħet.

55.1.05 Ittieħed vot fuq il-proposta mressqa mis-Sindku Guido Dalli li ġiet approvata b' ħames voti favur u wieħed kontra.

55.1.06 Il-laqgħa tkompliet skond l-Aġenda.

**55.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

55.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 54/K8/19 għall-approvazzjoni.

55.2.02 Saru korezzjonijiet fil-Minuti.

55.2.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 54/K8/19.

55.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni ta' Minuti 54/K8/19

55.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

55.2.05 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg kien informa lill-Kunsill sabiex isiru xogħolijiet fuq parti mill-bankina ta' Triq Bikirkara. Din il-proposta kienet milqugħa.

55.2.06 Issemiet il-kwistjoni ta' Triq Dun Ġużepp Xerri, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kellu korrispondenza mill-Infrastructure Malta li din it-triq kienet ser issir min-naħa tagħhom. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti tat-triq.

55.2.07 Saret diskussjoni dwar il-proġett ta' Pjazza Ta' Giorni fejn ser titwaħħal l-ATM ġdida, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur LBV Ltd kien għadu ma kompliex il-formula tal-commencing of work, minħabba li kien għadu ma tax in-numru tal-liċenzja tal-bennej. Għalhekk kien hemm qbil li niktbu lill-kuntrattur li jekk fi żmien ġimgħa dawn ix-xogħolijiet ma jibdewx dan il-kuntratt jaqa'.

55.2.08 Is-Sindku Guido Dalli nforma lill-Kunsill li minkejja li huwa ta struzzjoni lill-Kuntrattur LBV sabiex ma jkompliex ix-xogħol ta' l-irħam fuq il-Monument ta' Ġuże Tanti, dan qabad u waħħal irħam li m'huwiex ta' livell aċċetabbli u għalhekk m'għandniex naċċetawh u kien ordna l-istess irħam mingħand kumpanija oħra.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

55.3.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Malta Tourism Authority kienet ser tagħti l-ammont ta' €20,000 sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fil-Ġnien Spinola. Għalhekk il-Kunsill qabel li jibdew ix-xogħolijiet fuq l-installazzjoni tad-dawl u l-ilma li kelna kwotazzjoni min-naħa tal-kuntrattur tagħna kif ukoll isir ix-xogħol fuq il-paviment ta' l-istess ġnien fuq kwotazzjoni ta' Halmann.

55.3.02 Fis-7.15p.m. il-Kunsillier Martin John Sultana kellu joħroġ mill-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm kworum.

**55.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

55.4.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 fl-4.30p.m.

55.4.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 14 ta' Frar 2019